Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Maryann Borg

Vs

Crosscraft Co. Ltd

CCT 144/24/CC

Illum 21 ta' Jannar, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attrici ippreżentata fl-11 ta' Lulju 2024, fejn talbet l-ammont ta' €1,193 (elf, mija u tlieta u disghin ewro) rappreżentanti ammont imhallas ghal fridge freezer, li giet mixtrija minghand is-socjeta intimata f'April 2023. L-ilment avvanzat mill-attrici jirrelata mal-lakstu tal-fridge freezer li inqala' minn postu.

Ra li s-socjeta intimata Crosscraft Co. Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ippreżentat risposta fejn ikkontestat it-talba avvanzata mill-attur, ghar-raguni elenkata fl-istess risposta. Inoltre, jirrizulta li fl-istess risposta s-socjeta intimata eccepiet li t-talba kif rivolta mill-attrici ma hijiex cara. (*Not grounded and unclear)*

Illi fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi, entrambi l-partijiet ipproducew il-provi u x-xhieda taghhom.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-attrici Maryann Borg, lil Kenneth Francica rappreżentant tas-socjeta intimata, kif ukoll lix-xhud Tony Manevski jixhdu bil-gurament fis-seduti datati 1 ta' Ottubru 2024 u tat-3 ta' Dicembru 2024.

Ikkunsidra;

Illi jirrizulta li primarjament is-socjeta intimata resqet eccezzjoni li dan it-Tribunal jehtieg li jevalwa qabel jigi trattat il-mertu tal-kaz odjern. Fl-ewwel eccezzjoni taghha is-soċjeta intimata tirrileva li t-talba avvanzata mill-attriċi ma hijiex ċara *(not*

grounded and unclear). It-Tribunal jirreferi ghal Artikolu 21 tal-Kapitolu 378 tal-Ligjiet ta' Malta, li jistipula s-segwenti:

> *(1) It-Tribunal jaqta l-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talba preżentati quddiemu skont kull meritu u ġustizzja sostantiva tal-każ, u skont l-ekwità:*
> *Iżda kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tinqata' skont il-liġi:*

Minn analizi tal-atti u l-provi migbura, tenut kont tal-premess, u b'referenza ghax-xhieda ta' l-attrici, dan it-Tribunal ghandu sufficjentement serhan il-mohh li tezisti kjarezza fit-talba avvanzata mill-attrici, u ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda tigi sorvolata.

Illi rigward il-mertu, jirrizulta li l-attrici f' April 2023 xtrat fridge freezer mingħand is-soċjeta intimata. Din il-fridge freezer tinsab fil-post tal-villeġġatura ta' l-attrici. Mill-provi prodotti jirrizulta li l- 'gaskit' ta' din il-fridge freezer inqala', u hija kkuntatjat lis-socjeta intimata sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni.

Illi mix-xhieda ta' l-attriċi jirriżulta li ghalkemm fit-talba indikat l-ammont li qed tirriklama huwa ta' €1,193 (elf, mija u tlieta u disghin ewro), li huwa l-ammont totali li hija ħallset għal fridge freezer, fix-xhieda tagħha hija tiddikjara li mhux qed titlob li tingħata lura l-ammont totali, u tixtieq biss li tinbidel il-bieba tal-fridge freezer.

Illi di piu, fix-xhieda tagħha l-attriċi tispjega wkoll li l-unika problema li hija għandha hija fil-'gaskit' , u mhux fil-bieba.

Illi jirrizulta li s-soċjeta intimata aċċediet fuq il-post ta' l-attrici ghal aktar minn darba sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni. It-Tribunal ha konjizzjoni tax-xhieda tax-xhud prodott mis-socjeta intimata Tony Manevski li huwa t-tekniku li ecceda ghand l-attrici, u jirrizulta li in vista li din il-fridge freezer ma tintużax regolarment (peress li tinsab f'post ta' villegjatura) l-'gaskit' jinqala',u bl-ebda mod ma jindika xi hsara fil-fridge freezer.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lix-xhieda prodotti minn entrambi l-partijiet, u wara li ra d-dokumenti ezebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-attrici ma hijiex gustifikata, u dan peress li ma jirrizultax li l-fridge freezer hija difettuza. It-Tribunal jirrileva li s-socjeta intimata kull draba li giet imsejjha mill-attriċi eċċediet fuq il-post u offriet soluzzjoni lil attriċi.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher li l-attriċi ma irnexxiliex tipprova l-istanza avvanzata minnha sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnha għandha tiġi miċħuda.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-Talba mressqa mill-attriċi.

Kull parti għandha tħallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proċeduri.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru